A.L. 235 tal-2011

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti tal-2011 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Tħassir ta' Mgħax u Penali Amministrattiva lill-Persuni Taxxabbli involuti f'Negozju mal-Libja)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikloli 21, 42 u 75 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Tħassir ta' Mgħax u Penali Amministrattiva lill-Persuni Taxxabbli nvoluti f'Negozju mal-Libja).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibqgħu fis-seħħ sa dak iż-żmien li l-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment jista' b'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jiddetermina.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud; Kap. 406.

"ċertifikat ta' *clearance*" tfisser dokument ta' approvazzjoni maħruġ mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment fuq rakkomandazzjoni ta' Malta Enterprise;

"persuna taxxabbli eliġibbli" tfisser persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 tal-Att li tkun eliġibbli għat-tħassir taħt dawn ir-regolamenti.

(2) Kliem u frażijiet oħra għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-Att.

Applikabilità.

3. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw biss għal persuna taxxabbli eliġibbli li tforni lill-Kummissarju ċertifikat ta' *clearance*, sakemm il-kondizzjonijiet fir-regolament 4 jiġu sodisfatti.

Kondizzjonijiet.

4. Il-Kummissarju għandu jħassar imgħax u penali amministrattiva dovuta minn persuna taxxabbli eliġibbli fi żmien ta' taxxa fejn:

(a) denunzja għal dak iż-żmien ta' taxxa tkun dovuta fil-15 ta' Mejju 2011 jew fil-ħmistax tax-xahar sussegwenti fix-

xhur ta' wara;

(b) id-denunzja msemmija fil-paragrafu (a) tkun fornuta lill-Kummissarju sad-data li tkun dovuta; u

(ċ) it-taxxa kif dikjarata fid-denunzja msemmija fil-paragrafu (a) tiġi mħallsa fl-intier tagħha sa erba' xhur mid-data meta dik id-denunzja tkun dovuta.

Il-Kummissarju jista' jimponi aktar kondizzjonijiet.

5. Il-Kummissarju jista' jimponi aktar kondizzjonijiet u jista' jitlob aktar dokumenti li jqis li jistgħu jkunu neċessarji sabiex jiżgura l-applikazzjoni korretta ta' dawn ir-regolamenti.

Rifużjoni.

6. Xejn f'dawn ir-regolamenti m'għandu jintitola persuna taxxabbli eliġibbli sabiex titlob rifużjoni ta' kull ammont jkun xi jkun dwar imgħax jew penali amministrattiva diġà mħallsa, liema mgħax u penali amministrattiva kienu xorta waħda jkunu mħassra taħt dawn ir-regolamenti kieku ma ġewx diġà mħallsa.

Żamma ta' mgħax li jiġi mħallas.

7. Meta persuna taxxabbli eliġibbli tkun ibbenefikat minn tħassir ta' imgħax taħt dawn ir-regolamenti, il-Kummisarju għandu jkollu d-dritt li jżomm ammont ta' mgħax sa l-ammont iżda mhux aktar mill-ammont ta' mgħax imħassar meta mgħax ikun dovut lil dik il-persuna taxxabbli eliġibbli skont l-artikolu 24(3) tal-Att sa sitt snin mid-data li fiha jkun sar it-tħassir tal-imgħax taħt dawn ir-regolamenti.